KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IS-SEBGĦA (7) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Wieħed u Sittin (61)***

***It-Tlieta, 25 ta' Ottubru, 2016***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREZENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | EMANUEL VASSALLO |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |
| IL-KUNSILLIERA | MARIANNE SCHEMBRI |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

SEGRETARJU EZEKUTTIV - FIONA SAID

**<u>MINUTI</u>**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

***Il-Laqgħa tal-Kunsill bdiet fis-5.50pm***

**<u>61.1</u>** **<u>Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

61.1.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill għall-approvazzjoni, il-minuti tal-Laqgħa Numru 60 li nżammet nhar l-Tlieta, 4 ta' Ottubru 2016 .

61.1.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 60 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

61.1.3 Is-Sindku Darren Abela ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 60. Il-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 60 ġew approvati unanimament.

**<u>61.2</u>** **<u>Approvazzjoni tal-Ħlasijiet:</u>**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 61/2016 –Ottubru 2016***

61.2.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 61-2016 biċ-ċekkijiet numru 5376 sa 5406 li tammonta €26,075.78

61.2.2 Għaldaqstant is-Sindku ressaq il-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-ammont ta' €26,075.78
Proponent: Il-Kunsilliera Miriam Schembri
Sekondant: Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo

61.2.3 Wara mozzjoni imressqa mis-Sindku Darren Abela, l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 61-206 ġiet approvata unanimament.

***B. Petty Cash – Ottubru 2016***

61.2.4 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni tal-ispejjeż li ntefqu permezz tal-*Petty Cash* li jammontaw għal €79.82

61.2.5 L-ammont ta' Petty Cash imsemmi f'materja 2.5 ġie approvat unanimament.

**61.3 <u>Cirkulari 16/2016: Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv</u>**

***F'dan l-istadju tal-laqgħa attenda l-Kunsillier Keith Fenech (6:10pm)***

61.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv tkellmet dwar Cirkulari li intbagħtet lill-Kunsill Lokali rigward il-ħtiega li jinħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali sabiex f'każijiet meta is-Segretarju Eżekuttiv ikun assenti għal tul ta' żmien, ikun jista jieħu post is-Segretarju Eżekuttiv għal dak il-perjodu.

61.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv issuġerixxiet li bħala persuna magħżula għandha tkun persuna li għandha esperjenza f'dan il-qasam u preferibilment tkun taf il-lokalita'. Iċ-Ċirkulari tistabilixxi li l-persuna għandha tkun imniżżla fil-*pool* tas-Segretarji Eżekuttivi.

61.3.3 Is-Sindku Darren Abela ma jaqbilx li din il-persuna għandha tingħażel mill-*pool* iżda il-Kunsill għandu jkollu dritt li jipproponi persuni li mhumiex fil-*pool* u xorta għandhom il-potenzjal li jservu bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv bħal persuna li tista tkun ilha sservi fil-Kunsill għal snin twal. Għaldaqstant, f'dan l-istadju il-Kunsill ma qabilx li għandu jaħtar persuna mill-*pool* tas-Segretarju Eżekuttivi u jinforma lid-Dipartiment dwar din id-deċiżjoni.

**61.4 <u>Korrispondenza</u>**

61.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet korrispondenza dwar il-kontribuzzjoni tal-EkoSkola li tammonta €15. Il-Kunsill qabel li jikkontribwixxi bħal ma sar fis-snin preċedenti.

61.4.2 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet korrispondenza dwar proposta sabiex jitpoġġa trolley ta' daqs metru b'metru għall-skart tat-tip WEEE. Il-Kunsill qabel li jitpoġġa fil-bini tal-Kunsill sabiex ikollna iktar kontroll fuq dak li qed jintrema'. Il-Kunsill qabel li jitpoġġa fil-Berġa tal-Kunsill.

61.4.3 Tressqet korrispondenza rigward l-applikazzjoni għall-għajnuna finanzjarja għall-korsijiet tal-Lifelong Learning 2016-2017. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa. Dwar il-korsijiet, is-Sindku propona li jsir kors taz-zumba fejn il-Kunsill jirriklama l-attivita u jipprovdi post adekwat. Il-Kunsill ma jsib ebda oġġezzjoni.

61.4.4 Tressqu fuq il-mejda tal-Kunsill l-applikazzjonijiet tal-PA. Il-Kunsill talab iktar informazzjoni rigward PA/06082/16 filwaqt li rigward PA/00893/15 il-Kunsill oġġezzjona u talab li jkun konsulent estern fil-proceduri ta' l-appell.

**F'dan l-istadju tal-laqgħa attendiet il-Kunsilliera Rose Agius (18:37pm)**

61.4.5 Tressqet korrispondenza rigward applikazzjoni għal żvilupp fis-sit Tal-Giarda fi Triq il-Qattus, Triq Patri Girgor Grima u Triq Giovanni Scicluna. Il-Kunsill qabel li jappella u jitlob laqgħa mal-Perit sabiex tigi diskussa iktar fid-dettal din l-applikazzjoni minħabba li fl-inħawi hemm maħżen u *green area*. Il-Kunsill japprova biss jekk dan il-proġett huwa wieħed sostenibbli. Għaldaqstant il-Kunsill għandu joġġezzja fid-dawl ta' nuqqas ta' informazzjoni.

61.4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet korrispondenza mingħand resident li joqgħod fi Triq J.Gravina rigward l-ammont kbir ta' skart li qed jigi mormi fl-għelieqi, rigward ċnut imwaqqgħin, ħmieg tal-annimali u rimi ta' żibel inkluż ġlud ta' annimali u ħut. Huwa lmenta ukoll rigward veloċita eċċessiva li jgħaddu vetturi kbar. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill diġa ha azzjoni rigward ħafna mill-punti msemmija fejn twaħħlu tabelli *No Heavy Vehicles*, twaħħlu *bins* u *dog bins*, u ittella ċint f'żona fejn kien qed jintrema l-iskart. Dwar il-problema tar-rimi ta' skart, il-Kunsill ma jistax inaddaf żoni li huma privati u għaldaqstant ma jistax inneħħi l-ammont ta' skart li qed jintrema.
Il-Kunsilliera Rose Agius sostniet li qed ikollha diversi ilmenti rigward nuqqas ta' tindif f'ċertu toroq. Il-Kunsilliera sostniet li l-problema ġejja minn nuqqas ta' ħaddiema, fejn ħaddiem wieħed ma jistax inaddaf ir-raħal kollu skond l-iskeda indikata fit-tender. Is-Sindku Darren Abela talab li kull ilment li jigi innutat dwar nuqqas ta' ndafa ghandu jinforma lil Kunsill immedjatament ghax hafna drabi il-haddiem isostni li jkun kinsu. Wara diskussjoni, is-Sindku Darren Abela qal li mhux importanti li jizdied haddiem iehor izda li jsir ix-xoghol kif suppost. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat korrispondenza lill-kuntrattur fejn jinfurmah dwar dan u jitlob għall-possibilita ta' ħaddiem iehor. Dwar dan il-Kunsill qabel.

61.4.7 Tressqet korrispondenza mingħand it-TM fejn infurmawna li t-talba sabiex jitwaħħlu bollard fi Triq il-Qattus ma ġietx milqugħa u dan minħabba li l-bankina mhiex wiesgħa biżżejjed.

61.4.8 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet korrispondenza rigward stima għal tindif wara l-ground fi Triq Dwardu Buttigieg. L-Istima tammonta €1485. Il-Kunsill qabel li jqabbad il-kuntrattur bi stima totali ta' €1400. Is-Sindku ppropona li wara li titnaddaf għandhom jitpoġġew skips maghluqa bix-xatba sabiex tintuza mill-Kunsill u l-iskart ikun maghzul. Il-Kunsillier Keith Fenech sostna li ma jaqbilx li jsir dan u dan minhabba li z-zona se terga ssir *dump site*. Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo ppropona li l-Kunsill jaghmel talba ghall-art sabiex fiha jsir progett u jitpoggew pannelli fotovoltajici. Dwar dan is-sugget ma kienx hemm qbil u ghaldaqstant dan is-suggett gie pospost ghal wara li titnaddaf iz-zona.

61.4.9 Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo gibed l-attenzjoni rigward riklam li sema fuq ir-radju dwar postijiet fejn isiru l-hlasijiet ta' kontijiet tad-dawl fejn ma kienx imsemmi il-Kunsill Lokali. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li se tinforma l-ARMS dwar dan.

***F'dan l-istadju tal-laqgha il-Vici Sindku Emanuel Vassallo talab li jkun skuzat.***

**61.5 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

61.5.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq rapport dwar ammont kbir ta' skart mahrug minn garaxx fi Vjal il-Labour ta' sid ta' stabiliment tal-ikel. Il-Kunsill qabel li ghandha tintbaghat ittra ta' twissija u kopja tinghata lill-iSpettur tal-Pulizija.

61.5.2 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-*bus shelter* imkisser li hemm fil-Bypass li il-Kunsill ilu madwar sena jaghmel rapport dwaru. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li il-Kunsill gie nfurmat li l-bus shelter gie ordnat.

61.5.3 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-Programm tal-Milied fejn informa li l-avveniment li se jsir fl-10 u l-11 ta' Dicembru kellu jinbidel l-isem u dan wara rikjesta mill-Ambaxxata Russa li se jkunu qeghdin jissaportjaw din l-attivita'. L-isem sar ' The Russian Cultural Festival'. Rigward l-ikla ta' l-anzjani, il-Kunsilliera Rose Agius pproponiet li ssir fit-13 ta' Dicembru 2016 u l-ikla tal-Milied tal-Kunsill ghandha ssir fit-8 ta' Jannar 2016. Dwar dan il-Kunsill qabel.

61.5.4 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar l-intervista ma' *People of Malta* fejn il-Kunsill ippropona li l-intervista ssir mas-Sur George Cilia. Dwar dan il-Kunsill qabel

**61.6 <u>Komunikazzjonijiet mill-Kunsilliera</u>**

61.6.1 Hadd mill-Kunsilliera ma kellu komunikazzjonijiet

**61.7 <u>Aggornament tal-Laqgha</u>**

61.7.1 Il-Laqgha giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 29 ta' Novembru 2016 fil-5.30pm

Il-Laqgha ntemmet fit-8.30pm

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Fiona Said | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |